# Kumitat Amministrattiv SWATAR

**Kunsilli Lokali Birkirkara u L-Imsida**

Swatar Administrative Committee – Birkirkara and L-Imsida Local Councils

# Minuti

## Seduta Nru. 21/2012

Data: Il-Ġimgħa, 23 ta' Marzu 2012

Ħin: 5:30pm

Post: Kunsill Lokali L-Imsida, Pjazza Menqa Msida

---

Preżenti: Mary Rose Mifsud – *Chairperson*
John Mary Zahra (Jimmy) – *Membru*
Jane (Yvonne) Spiteri – *Membru*
Rudolph Cini – *Membru*
Margareth Baldacchino Cefia – *Viċi Sindku, Kunsill Lokali L-imsida*
Christopher Galea – *Aġent Segretarju Eżekuttiv*

Skużati: Mario Xuereb – *Membru*

❖ Ħadd m'attenda minn naħa tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

---

## AĠENDA

1. Talba;
2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Punti Mqajma mill-Minuti;
4. Mistoqsijiet mill-Membri tal-Kumitat;
5. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson;*
6. Għeluq u Aġġornament.

---

## Kontenut

Annex A Minuti 21/2012

Annex B Tabella ta' Deċiżjonijiet li ttieħdu waqt is-seduta li jirrikjedu Azzjoni

**Minuti 21/2012**

## 1. Talba

**1.1** Il-laqgħa bdiet fil-5:50pm billi ntqalet it-talba miċ-*Chairperson*.

## 2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**2.1** Il-Minuti tas-Seduta 20/2012 li saret nhar is-17 ta' Frar 2012 tqassmu qabel u ttieħdu bħala moqrija. Ma kien hemm ebda korrezzjonijiet fil-Minuti u ġew approvati unanimament mill-Kumitat.

## 3. Punti mqajma mill-Minuti

**3.1** **Fuq punt 3.1 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv intalab jgħati aġġornament fejn qal li rċieva l-kjarifiki mit-TM u issa l-*isleeping policeman* tista' titwaħħal. Il-Perit kien irrimarka li ma tantx hemm triq oħra ħlief li teħel fejn kienet oriġinarjament peress li ma tistgħax issir ħafna 'l bogħod minn fejn kienet imwaħħla u allura ma tagħmilx sens li teħel band'oħra. *Sleeping Policeman* fi Triq Indri Grima

3.1.1 Il-Kumitat iddiskuta fejn kulħadd qabel li l-Kumitat irid iħares lejn is-sigurta' tar-residenti kif ukoll tas-sewwieqa. Iċ-*Chairperson* issuġġeriet li qabel ma titwaħħal l-*isleeping policeman*, tiġi tranġata t-tappiera peress li l-maġġoranza tal-istorbju ġej mit-tappiera għax imċaqalqa u mhux mill-*isleeping policeman*.

3.1.2 Is-Sur Rudolph Cini issuġġerixxa li l-Kumitat jibgħat ittra lir-resident li ma jridx li titwaħħal quddiemu u jiġi spjegat lilu s-sitwazzjoni kollha kif inhi u minħabba periklu fit-Triq, ma tistgħax tiġi evitata li titwaħħal din l-*isleeping policeman*. Fl-ittra ser jingħatalu data sa meta jista' jibgħat il-kummenti tiegħu qabel ma titwaħħal.

3.1.3 Il-Kumitat qabel unanimament mal-punti kollha.

3.1.3 Fuq l-istess suġġett, is-Sinjura Margareth Baldacchino Cefai qalet li hemm resident li jixtieq li tiżdied biċċa oħra mal-*isleeping policeman* l-oħra li hemm fi Triq Indri Grima minħabba li hi qasira wisq u l-karozzi joqgħodu jgħaddu minn naħa l-vojta. Il-Kumitat qabel unanimament li titwal l-*isleeping policeman*. Is-Sinjura Cefai ser tieħu ħsieb li din issir.

**3.2** **Fuq punt 4.2 –** Minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja, il-Kumitat, wara li kkonsulta mal-Kunsilli rispettivi, iddeċieda li fil-preżent din l-attivita' mhux possibbli li ssir sakemm il-kumpanija ma taċċettax li din l-attivita' issir b'€200 u jibqgħu l-istess kundizzjonijiet. Kunċert fl-okkazjoni tal-Festa ta' San Ġorġ Preca

**3.3** **Fuq punt 4.2.1 –** Il-Kumittat iddeċieda li jibda jilqa' n-nominazzjoniijiet għal Ġieħ is-Swatar fejn wara li jgħalqu l-applikazzjonijiet, jerġa jiltaqa' l-Kumitat ħalli jiġi mwaqqaf bord apposta biex jevalwa dawn l-applikazzjonijiet. Ġieħ is-Swatar

3.3.1 Il-Kumitat iddeċieda wkoll li ser jiddiskuti mal-Kappillan il-possibilta' li s-serata fejn ser tingħata Ġieħ is-Swatar issir fis-Sala tal-Parroċċa waqt attivita' organizzata mill-Knisja stess. Id-data li ser tiġi proposta

mill-Kumitat hi l-5 ta' Mejju 2012.

**3.4** **Fuq punt 5.1.1 –** Wara konsultazzjoni mal-Profs. Victor Sultana, il-Kumitat għamel l-aħħar emendi tal-flyers fejn qabel unanimament li l-flyers flimkien mal-fuljett jitqassmu lir-residenti kollha tas-Swatar. Flyer Basic Life Support u Fuljett KAS

## 4. Mistoqsijiet mill-Membri tal-Kumitat;

**4.1** Is-Sinjura Yvonne Spiteri qalet li t-tabella tas-Sinjali tat-Traffiku li hemm ħdejn ir-Ramparound reġgħet mawġa. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser jiċċekkja dwarha. Tabella tas-Sinjali tat-Traffiku li hemm ħdejn ir-Ramparound.

**4.2** I-Sinjura Yvonne Spiteri ssuġġeriet li jsiru No Entry signs fi Triq is-Swatar sabiex tiġi nfurzata d-direzzjoni tat-traffiku eżistenti. Il-Kumitat qabel unanimament ma din il-proposta. No Entry signs fi Triq is-Swatar

**4.3** Is-Sur Rudolph Cini qal li fi Triq Ġużeppi Calleja, ir-rampi tal-garaxxijiet qegħdin joħorġu sa fuq il-bankina u l-bankina kważi ma tidhirx aktar. Din toħloq problemi u skumdita biex timxi fuq il-bankina. Il-Kumitat qabel li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv jiċċekkja dwarha. Rampi fuq il-Bankina fi Triq Ġużeppi Calleja

**4.4** Is-Sur Jimmy Zahra issuġġerixxa li mal-applikazzjoni tat-TM biex titwaħħal *sleeping policeman* fi Triq Graffiti Navali, mar-raġunijiet li diġa ntbgħatu jiżdied li din l-*isleeping policeman* hemm bżonn li titwaħħal minħabba li ser tkun ħdejn post pubbliku u ħdejn il-Knisja. Sleeping Policeman fi Triq Graffiti Navali.

## 5. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson*

**5.1** *Iċ-Chairperson* qalet li flimkien mas-Sindku ta' Birkirkara kellhom laqgħa mal-Madam 'l ġdida tal-iskola ta' Birkirkara fejn qaltilhom li twaħħlu 12 'l kompjuter. Il-Madam qalet ukoll li l-iskola tista' tintuża u għandhom isiru korsijiet tal-kompjuter kemm għat-tfal kif ukoll għall-adulti. Ser isiru wkoll taħdidiet fuq meta ser joħorġu l-applikazzjonijiet. Korsijiet tal-Kompjuter

## 6. Għeluq u Aġġornament.

**6.1** Il-laqgħa spiċċat fit-7:30pm. Il-Kumitat unanimament qabel li l-laqgħa għandha tiġi aġġornata għal nhar il-Ħamis, 19 t'April 2012, fil-5:30pm ġewwa l-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

____________________ ____________________

*Chairperson*, KAS Aġent Segretarju, KAS

____________________

Data

**Annex B**

# Tabella ta' Deċiżjonijiet li jirrikjedu Azzjoni

| Ref. | Suġġett | Entita' / Persuna Responsabbli |
|---|---|---|
| 3.1.1 | *Sleeping Policeman* fi Triq Indri Grima | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| 3.2 | Kunċert fl-okkazjoni tal-Festa ta' San Ġorġ Preca | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| 3.3 | *Ġieħ is-Swatar* | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| 3.4 | Flyer Basic Life Support u Fuljett KAS | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| 4.1 | Tabella tas-Sinjali tat-Traffiku li hemm ħdejn ir-Rumparound. | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| 4.2 | No Entry signs fi Triq is-Swatar | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| 4.3 | Rampi fuq il-Bankina fi Triq Ġużeppi Calleja | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| 4.4 | *Sleeping policeman* fi Triq Graffiti Navali | Aġent Segretarju Eżekuttiv |